Nru. 18,320
Prezz/Price
€0.37

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ħamis, 9 ta' Ottubru, 2008
Thursday, 9th October, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 861

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZI TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozzi ta' Liġi li ġejjin huma ppubblikati fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 10 imsejjaħ Att ta' l-2008 li jemenda l-Kodiċi tal-Kummerċ; u

Abbozz ta' Liġi Nru. 11 imsejjaħ Att ta' l-2008 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*.

Id-9 ta' Ottubru, 2008

GOVERNMENT NOTICES

No. 861

PUBLICATION OF BILLS IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bills are published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 10 entitled the Commercial Code (Amendment) Act, 2008; and

Bill No. 11 entitled the Malta Standards Authority (Amendment) Act, 2008.

9th October, 2008

Nru. 862

ĦRUĠ TA' *WARRANT* TA' ARKITETT U INĠINIER ĊIVILI (PERIT)

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi f'Ġunju 2008 il-persuni msemmija hawn taħt ingħataw il-*warrant* ta' Arkitett u Inġinier Ċivili (Perit).

Numru tar-Reġistrazzjoni *Registration Number*	Isem *Name*	I.D. Numru *ID Number*
626	Abela Mark	485680-M
627	Caruana Karys	591583-M
628	Chircop Charlene	052383-M
629	Fenech Daphne Marie	497083-M
630	Galea Melanie	486381-M
631	Gauci Noel	281781-M
632	Gellel Jason	450880-M
633	Giordmaina Melissa Sue	104794-M
634	Micallef Michelle	187283-M
635	Mifsud Maria	388483-M
636	Muscat Miriam	407781-M
637	Spiteri Rebecca	322883-M
638	Sultana Andrew	035182-G

Id-9 ta' Ottubru, 2008

No. 862

ISSUE OF WARRANT AS ARCHITECT AND CIVIL ENGINEER (PERIT)

IT is notified for general information that in June 2008 the persons mentioned hereunder were issued with the warrant as Architect and Civil Engineer (Perit).

9th October, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 77 tal-2008

Rolex Middle Sea Race 2008

Ir-Royal Malta Yacht Club se jorganizza r-Rolex Middle Sea Race nhar is-Sibt, it-18 ta' Ottubru, 2008.

Il-programm tat-tellieqa se jkun kif ġej:

1. L-Erbgħa, 15 ta' Ottubru 2008

It-tlielaq ta' ġurnata max-xtut se jibdew fid-9.00 a.m. u jkomplu sal-11.00 a.m. It-tlielaq jibdew mill-Port ta' Marsamxett, iduru ma' Kemmuna u/jew Għawdex jew il-Munxar/Filfla (jiddependi mit-temp) u jispiċċaw lura fil-Port ta' Marsamxett.

2. Is-Sibt, 18 ta' Ottubru, 2008

Ir-Rolex Middle Sea Race tibda fid-9.30 a.m. Ir-rotta se tkun stabbilita kif ġej:

Se tibda mill-Port ta' Marsamxett, imbagħad tiġbed lejn direzzjoni tat-Tramuntana matul ix-xatt ta' Malta.

Se titqiegħed baga safra fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°54'.42	14°31'.20

'l hinn mill-Ponta ta' Dragutt u għandha tkun fuq ix-xellug tal-bastiment;

Se titqiegħed baga safra oħra fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (T)	*Longitude (L)*
35°56'.29	14°30'.00

fuq is-Sikek ta' barra ta' San Ġorġ u għandha tkun fuq ix-xellug tal-ġenb tax-xellug tal-bastiment;

Se titqiegħed baga safra oħra fil-pożizzjoni approssimattiva:

Latitude (T)	*Longitude(L)*
35°57'.00	14°28'.00

'l hinn mill-Ponta tal-Għallis u għandha tkun fuq ix-xellug tal-ġenb tal-lemin tal-bastiment;

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 77 of 2008

Rolex Middle Sea Race 2008

The Royal Malta Yacht Club will be holding the Rolex Middle Sea Race on Saturday, 18th October, 2008.

The race programme is as follows:

1. Wednesday, 15th October 2008

Day coastal races, will start at 9.00 a.m. and continue up to 11.00 a.m. The races start from Marsamxett Harbour, go round Comino and/or Gozo or Munxar/Filfla (depending on the weather) and finish back at Marsamxett Harbour.

2. Saturday, 18th October 2008

Rolex Middle Sea Race starts from 9.30 a.m. The course is set as follows:

Start from Marsamxett Harbour, then proceeding in a Northerly direction along the coast of Malta.

A yellow buoy will be laid at the approximate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°54'.42	14°31'.20

off Dragut Point and shall be left to port;

Another yellow buoy shall be laid at the approxiamate position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35°56'.29	14°30'.00

on the outer St George's Shoals and shall be left to starboard;

Another yellow buoy will be laid at approxiamate position:

Latitude (N)	*Longitude(E)*
35°57'.00	14°28'.00

off Għallis Point and shall be left to starboard;

u mbagħad jiġbdu f'direzzjoni tal-Grigal lejn Sqallija.

Il-baħħara huma mitluba biex ma jostakolawx il-kanal navigabbli waqt il-bidu tat-tlielaq nhar is-Sibt, it-18 ta' Ottubru 2008, bejn id-9.30 a.m. u s-1.00 p.m. Il-baħħara għandhom ibaħħru b'kawtela u joqogħdu attenti meta jkunu qrib ir-rotta u l-pożizzjonijiet imsemmija hawn fuq u jżommu 'l bogħod mill-parteċipanti meta jilmħuhom.

Id-9 ta' Ottubru, 2008

and then proceeding in a North Easterly direction for Sicily.

Mariners are requested to keep the Marsamxetto fairway clear during the start of the races on Saturday, 18th October 2008, between 9.30 a.m. and 1.00 p.m. Mariners are to navigate with caution and keep a sharp lookout when in the vicinity of the above-mentioned course and positions and give the participants a wide berth when sighted.

9th October, 2008

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 78 tal-2008

Ġbid ta' Films fil-Bajja tad-Dwejra

L-Awtorità Marittima ta' Malta tgħarraf illi se jsir ġbid ta' films fuq in-naħa tal-Punent ta' Għawdex fil-Bajja tad-Dwejra bejn id-19 u l-25 ta' Ottubru, 2008.

Mill-Bajja tad-Dwejra, il-Ġebla tal-Ġeneral u joħroġ 'il barra lejn il-baħar skond il-pjanta murija fuq il-website imsemmija hawn taħt. L-inħawi huma indikati bejn il-ponot E, F, G u H.

Se jsir aktar iffilmjar mill-Ponta tad-Dwejra u joħroġ 'il barra lejn il-baħar skond il-pjanta murija indikata bl-inħawi A, B, C, u D. L-iffilmjar f'dawn l-inħawi se jsir bejn it-23 u l-25 ta' Ottubru, 2008.

Il-ħinijiet tal-iffilmjar se jkunu bejn is-6.00 a.m. u s-7.00 p.m. kuljum.

Minħabba dan ta' hawn fuq il-baħħara huma mitluba biex ma jidħlux fl-inħawi fid-dati u l-ħinijiet imsemmija. Dan l-avviż ma japplikax għall-bastimenti kummerċjali li jużaw dawn l-inħawi regolarment. Il-baħħara għandhom jobdu l-ordnijiet mill-Valletta Port Control u mid-dgħajjes apposta li jkunu fl-inħawi.

Charts affettwati BA 177 u 2538.

Wieħed jista' jara parti mill-pjanta fuq il-*website* tal-Awtorità Marittima ta' Malta:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Id-9 ta' Ottubru, 2008

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 78 of 2008

Filming Activities at Dwejra Bay

The Malta Maritime Authority notifies that filming activities will take place at the western side of Gozo at Dwejra Bay between 19th and 25th October 2008.

From Dwejra Bay, Fungus Rock and shooting out to sea as per shown chart on the website mentioned hereunder. The area is indicated between points E, F, G and H.

Further filming will take place from Dwejra Point and shooting out to sea as per shown chart indicated by area A, B, C, and D. Filming in this area will be between the 23rd and 25th October 2008.

Timings of filming will be between 6.00 a.m. to 7.00 p.m. daily.

In view of the above mariners are requested to keep out of the indicated area between the dates and times mentioned. Commercial vessels that use this area regularly are exempted from this Notice. Mariners are to obey instructions issued by Valletta Port Control and support boats in the area.

Chart affected: BA 2537, 194.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:

http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

9th October, 2008

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu April, Mejju u Ġunju 2008.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
18.04.08	Video diġitali JVC	Antonio Miguel
21.04.08	Kartiera u dokumenti	Francis Saliba
24.04.08	Portmoni u flus	Stephanie Debono
02.05.08	Flus	Joseph Gauci
28.05.08	*Cordless phone*	Joseph Grima
02.06.08	Ġakketta	Grace Agius
05.06.08	Portmoni u flus	Vincent Pace
09.06.08	Flus	Mary Formosa
20.06.08	Arloġġ tal-idejn	Nazzarena Sultana
28.06.08	*Mobile phone*	Silvio Masini

Id-9 ta' Ottubru, 2008

9th October, 2008

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu April, Mejju u Ġunju 2008.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
04.04.08	Basket li fih *diary,* pinna, *hair pin*, mazzijiet ta' ċwievet, sikkina, *lip conditioner*	Roger Castillo
04.04.08	Imsielet	Joseph Sammut
04.04.08	Arloġġ tal-idejn	Abigel Dingli
25.04.08	Kamera tar-ritratti	Sina Deguara
25.04.08	Portmoni/flus/ċavetta	Francis Penza
02.05.08	Kartiera/flus	Lawrence Vassallo
02.05.08	MP3	Joseph Curmi
09.05.08	*Mobile phone*	Bernardette Gouder

16.05.08	Salib	Maria Stella
16.05.08	Ġiżirana	Josette Scicluna and Brian Flores Martin
16.05.08	Pendent	Arlene Martin
23.05.08	Kartiera	Jesper Nicolay Birger Kjolset
30.05.08	Kamera tar-ritratti	Joseph Debono
30.05.08	Arloġġ tal-idejn	William John Keay
20.06.08	*I-Pod*	William Noel Wallace
27.06.08	Flus	Baldassare Borg

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex skond l-artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Malta u Għawdex matul il-perjodu Lulju, Awissu u Settembru 2008.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
04.07.08	Ċurkett	Albert Attard
18.07.08	Ġiżirana bil-pendent	Ronald Azzopardi Caffari
18.07.08	Ċurkett	Helen Leone Ganado
25.07.08	*Mobile phone*	Concetta Montanaro
25.07.08	Kartiera u flus	Renee Leonarde Gilis
08.08.08	*Handbag* li fih portmoni, flus, kosmetiċi, pakkett sigaretti u ċwievet	Terri Heckenlaible
08.08.08	Flus	WPC 205 Tania Borg
08.08.08	Flus	Nadia Scerri
08.08.08	*Haversack* li fih xugaman, malji, *goggles* u ġiżirana	Maria Stella Mifsud
08.08.08	Kamera tar-ritratti, xugaman u flus	James Spiteri
22.08.08	Ġiżirana	Paul Anthony Borg
22.08.08	Kamera tar-ritratti	Josephine Falzon
22.08.08	Kamera tar-ritratti	Nadine Gatt
22.08.08	Arloġġ tal-idejn	Frances Loise Skeezenek
22.08.08	*Harpoon*	Emanuel Debono
22.08.08	Kartiera, *credit cards* u flus	Jean Pearson
22.08.08	*Mobile phone*	Roelia Inge Pieta
25.08.08	Kamera tar-ritratti	Miriam Kashai
29.08.08	*Haversack* bil-malji	Adrian Bonello
05.09.08	Faċċata ta' *stereo* tal-karozzi	James De Cesare
12.09.08	*Walking stick*	Marie Louise Agius
12.09.08	DVD *player*	Alfred Camenzuli
12.09.08	Kartiera bil-flus	Angelo Gatt
12.09.08	PSP	PS549 Reuben Pace

OĠĠETTI MISJUBA U KKONSENJATI LILL-PULIZIJA

Din li ġejja hija lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex skond l-Artikolu 564 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16.

Uffiċċju Prinċipali tal-Pulizija
Il-Furjana.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija.

Lista ta' oġġetti misjuba u kkonsenjati lill-Pulizija f'Għawdex matul il-perjodu Lulju, Awissu u Settembru 2008.

DATA	DESKRIZZJONI TAL-OĠĠETTI	ISEM TA' MIN SAB L-OĠĠETTI
18.07.08	Żewġ pendenti reliġjużi	Josephine Formosa
22.07.08	Kamera tar-ritratti diġitali	Betty Berry
23.07.08	Krozzi	M'Angelo Saliba
29.07.08	Ġiżirana tal-metall isfar u pendent	Joseph Cassar
29.07.08	Ġiżirana tal-metall isfar bil-pendent reliġjuż	Fr Giovanni Curmi
04.08.08	*Souvenirs*	Carmen Attard
05.08.08	Ċurkett tal-metall isfar	Raymond Xuereb
05.08.08	*Mobile phone*	Mario Buttiġieġ
13.08.08	Arloġġ tal-idejn	Assunta Sciberras
27.08.08	*Handbag*, portmoni u flus	Miriam Cauchi
27.08.08	Arloġġ tal-idejn	George Farrugia
27.08.08	Portmoni u flus	Joseph Zerafa
01.09.08	*Mobile phone*	Orieta Mirenghi
01.09.08	Brazzuletta tal-metal isfar	Anna Sultana
02.09.08	Kamera tar-ritratti diġitali	Louis Carnemolla
02.09.08	Ċurkett tal-metall isfar	Ryan Paul Pace
22.09.08	Portmoni u flus	Paul Sultana
22.09.08	Kartiera u dokumenti	Paul Ivan Mercieca

Id-9 ta' Ottubru, 2008

DIPARTIMENT TAL-EŻAMIJIET

Eżamijiet għal-Liċenzi ta' *Wireman*
Liċenza A/Liċenza B - Lulju 2008

Id-Direttur tal-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat finali ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment tal-Eżamijiet, il-Furjana u fiċ-Ċentru tal-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex, fil-ħinijiet tal-uffiċċju.

Id-9 ta' Ottubru, 2008

9th October, 2008

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Wireman's Licences Examinations
Licence A/Licence B - July 2008

The Director of Examinations notifies that the final result of the above mentioned examination has been published and may be viewed at the Examinations Department, Floriana and at the Examinations Centre, Victoria, Gozo, during office hours.

9th October, 2008

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

1472

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' Ġunju 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Go plc (C22334) ta' Spencer Hill, Marsa, ippreżentaw Talba, fit-12 ta' Frar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Mario Grima (ID698555M) ta' Goemm, Triq Diodorus Siculus, San Ġiljan, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,106.46 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (129/08PBC) hija differita għall-21 ta' Ottubru 2008 fis-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 7 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th June 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C222334) of Spencer Hill, Marsa filed a Claim on the 12th February 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Mario Grima (ID698555M) of Goemm, Triq Diodorus Siculus, San Ġiljan, to pay the plaintiff company the sum of €1,106.46 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim Number 129/08PBC) is put off on the 21st October 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 7th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1473

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' Settembru 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Bank of Valletta p.l.c.(C2833) ta' 1/5, Palace Square, Valletta, ippreżentaw Talba, fit-13 ta' Ġunju 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Duncan Terranova (ID107276M) ta' 71, Triq il-Knisja, Msida jew 117, Reid Street, Gżira, sabiex iħallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €2,363.63 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (447/08RFA) hija differita għall-24 ta' Ottubru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th September 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Bank of Valletta plc (C2833) of 1/5, Palace Square, Valletta, filed a Claim on the 13th June 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Duncan Terranova (ID107276M) of 71, Triq il-Knisja, Msida or 117, Reid Street, Gżira, to pay the plaintiff company the sum of €2,363.63 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 447/08RFA) is put off on the 24th October 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1474

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-10 ta' Ġunju 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

First United Insurance Brokers Limited (C22502) ta' 25, Villa Eden, Triq il-Principessa Elizabeth, Ta' Xbiex, ippreżentaw Talba, fit-18 ta' Frar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Edward Caruana Soler (ID 701755M) ta' 148, St Lawrence, Triq Birżebbuġa, Birżebbuġa, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €572.11 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (151/08PBC) hija differita għall-21 ta' Ottubru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 10th June 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

First United Insurance Brokers Limited (C22502) of 25, Villa Eden, Triq il-Principessa Elizabeth, Ta' Xbiex filed a Claim on the 18th February 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Edward Caruana Soler (ID 701755M) of 148, St Lawrence, Triq Birżebbugia, Birżebbugia, to pay the plaintiff company the sum of €572.11 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 151/08PBC) is put off on the 21st October 2008 at 12.30p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1475

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-17 ta' Ġunju 2008, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) ta' Fra Diego Street, Marsa, ippreżentaw Talba fid-29 ta' Frar 2008, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Gilbert Borg ta' 144, Triq Mons. F. X. Mangion, Siġġiewi, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €441.25 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.

Il-kawża (191/08PBC) hija differita għat-28 ta' Ottubru 2008 fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum 8 ta' Ottubru 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Small Claims Tribunal of 17th June 2008, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Mobisle Communications Limited (C24655) of Fra Diego Street, Marsa filed a Claim on the 29th February 2008 whereby they asked the Tribunal to condemn Gilbert Borg of 144, Triq Mons. F. X. Mangion, Siġġiewi, to pay the plaintiff company the sum of €441.25 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests.

The case (Claim Number 191/08PBC) is put off on the 28th October 2008 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 8th October 2008.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*